MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Numru 985/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Hersey**

**vs**

**Mengisteab Abraham Tesfazghi**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Mengisteab Abraham Tesfazghi ta' 28 sena, iben Abraham Tesfazghi ta' 28 sena, iben Abraham u Haragu, imwieled Erritrea, fil-01/09/82 u residenti B'Kara u maghruf bhala Police No 98BBB-012 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-jiem ta' qabel is-17/09/08, harab minn post ta' detenzjoni pubbliku, cioe Lysteer Barracks Detention

Centre, u dan bi ksur ta’ Artikli 151 u 160 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fix-xhur ta’ qabel is-27 ta’ Lulju 2009, f’ Malta imbarka minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni seta’ dehrlu xierqa li jehtieg, u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-provediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Settembru 2010 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Settembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-24 ta’ Settembru, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll kkunsidrat il-gravita’ tar-reat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 151 u 60 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------